# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 Fax : 2141 2626 Mobile : 7941 4111**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


***Minuti tal-hamsa u sittin laqgha tal-Hames Kunsill Lokali li nzammet fl-Ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill nhar l-Erbgha 11 ta' Novembru 2009 fis-6:00 p.m.***

| ***Prezenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| **Sindku** | Mario Gauci |
| **Vici Sindku** | Mark Azzopardi |
| **Kunsillieri** | Pio Fenech |
| **Agent Segretarju Ezekuttiv** | Fabian Mizzi |

**Il-Kunsillier A. Muscat ma attendiex peress li kien imsiefer filwaqt li l-Kunsillier M. Mifsud ma attendiex minghajr ma avza.**

**1 Talba**

**1.1** Il-laqgha bdiet fis-6.10 p.m. billi intqalet it-talba.

**2 Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgha Nru 64**

**2.1** Is-Sindku staqsa jekk xi hadd xtaqx jipproponi xi emendi fil-minuti ta' l-ahhar laqgha tal-Kunsill. Peress li ma kienx hemm emendi dawn gew approvati unanimament u iffirmati.

**3 Punti mtella' mill-minuti**

**3.1** ***Para 3.2 – Torri tas-Semaforu:*** Is-Sindku nforma li konna ghadna qed nistennew lil MEPA tohrog il-*Compliance Certificate* sabiex tkun tista tigi pprocessata l-applikazzjoni ghad-dawl.

**3.2** ***Para 3.3 – Triq Santa Katerina:*** L-Agent S.E. informa li konna qed nistennew risposta minghand l-ADT ghat-talbiet taghna sabiex isiru *traffic calming measures* u sabiex vetturi kbar ma jkunux jistghu jidhlu fit-triq jekk mhux sabiex jaghtu servizz.

**3.3** ***Para 3.4 – Kotba – Librerija Lokali :*** L-Agent S.E. informa li l-kotba kienu ser jigu ordnati fil-granet li gejjin.

**3.4** ***Para 3.5 – Kuntratt Gbir ta' l-Iskart :*** L-Agent S.E. informa li s-sejha ghall-offerti kienet ser issir fil-granet li gejjin. Il-kuntrattur kien gab il-*landfill vouchers* ta' gimghatejn u wara li dawn gew evalwati gie deciz li tintalab spjegazzjoni minghand il-kuntrattur ghal xi granet fejn il-piz huwa iktar mill-medja.

**3.5** ***Para 3.6 – Ftuh tal-Librerija s-Sibtijiet :*** L-Agent S.E. informa li s-sejha ghall-offerti ghas-servizz ta' librara kienet inhareget u kienet taghlaq il-Gimgha 20 ta' Novembru 2009.

**3.6** ***Para 3.7 – Kors tal-First Aid:*** L-Agent S.E. informa li sa issa kienu dahlu biss 6 applikazzjonijiet. Fic-cirkostanzi gie deciz li jekk l-ammont jibqa daqshekk zghir, il-

kors ma jsirx.

**3.7** ***Para 3.8 – Devoluzzjoni Xelter:*** Peress li konna ghadna ma smajna xejn minghand id-Dipt. ta' l-Artijiet, gie unanimament deciz li tintalab laqgha mas-Sur L. Mintoff, Segretarju Privat tas-Segretarju Parlamentari J. Azzopardi.

**3.8** ***Para 3.9 – Loading / Unloading Bay:*** L-Agent S.E. informa li konna gibna linji gwida minghand l-ADT u jirrizulta li dawn ma japplikawx ghall-hwienet tal-merca. L-Agent S.E. intalab sabiex jinforma b'dan lil min kien ghamel l-ilment.

**3.9** ***Para 3.10 – Hajt fi Triq Indipendenza:*** L-Agent S.E. informa li konna ghadna qed nistennew risposta minghand il-MEPA u d-Dipt. ta' l-Artijiet.

**3.10** ***Para 3.13 – Hal Gharghur- Ir-Rahal Fuq l-Gholja*: –** Is-Sindku qal li l-konferenza stampa kienet saret kif ippjanat fil-prezenza ta' l-Onor. Chris Said u bhalissa ghaddej it-tqassim tal-ktieb lir-residenti.

**3.11** ***Para 3.14 – Kuntratt tal-Knis –*** L-Agent S.E. intalab sabiex jipprova jorganizza laqgha ma' ufficcjali mid-Dipt. ta' l-Indafa Pubblika ghal qabel il-laqgha li jmiss tal-Kunsill.

**3.12** ***Para 3.15 – Korrispondenza Kappillan :*** L-Agent S.E. informa li konna bqajna ma smajna xejn minghand il-Kappillan rigward l-ATM.

**3.13** ***Para 3.16 – Ghaqda tan-Nar San Bartilmew*:** Is-Sindku nforma li l-Kumitat ta' l-Ghaqda tan-Nar kien accetta l-kundizzjonijiet tal-Kunsill dwar l-uzu ta' l-ex ufficcju tal-Kunsill.

**3.14** ***Para 6.6 – Isem ta' triq gdida*:** Is-Sindku ipprezenta l-profil tas-Sinjura Katerina Sammut li kien ipprepara is-Sur Julian Bezzina. Gie unanimament approvat li t-triq il-gdida fi Triq Dimitriju Farrugia tissemma ghas-Sinjura Katerina Sammut u li l-Kumitat ghat-Tismija tat-Toroq jigi infurmat b'dan.

**3.15** ***Para 6.7 – Photvoltaic Panels*:** Is-Sindku nforma li Galea Curmi kienu nfurmawna li l-istima sabiex tigi installata sistema ta' *Photovoltiac Panels* fl-ufficcju tal-Kunsill hija ta' madwar € 7,800. Fic-cirkostanzi gie unanimament deciz li l-Kunsill ghandu jipprocedi bis-sejha ghall-offerti.

**3.16** ***Para 7.1 – Quddiesa tal-Mejjtin*** **:** Is-Sindku spjega li din kienet saret kif ippjanat u gie deciz li l-Kunsill joffri €10 lil Fr. Darren sabiex jinfdew parti mill-ispejjez involuti fl-organizazzjoni ta' din il-quddiesa.

**3.17** ***Para 7.3 – Gemellagg*** **:** Il-Vici Sindku nforma li huwa kien f'kuntatt ma' persuna li ghandha diversi kuntatti ma' persuni nfluwenti f'Garritana u fil-prezent kien qed jistenna risposta dwar jekk hemmx possibilta' li jsir gemellagg ma' din il-lokalita'.

**3.18** ***Para 7.4 – Tilqim ta' l-Influenza*** : Is-Sindku nforma li din kienet saret kif ippjanat.

**3.19** ***Para 7.5 – Laqgha Progett Leader*** : Is-Sindku nforma li din kienet saret kif ippjanat.

**3.20** ***Para 7.6 – Progett Xwieki*** : Gew innotati xi artikli li dehru f'gurnali dwar dan is-suggett u gew ratifikati r-risposti li nbghatu mill-Kunsill lir-residenti wara korrispondenza li kien hemm dwar dan is-suggett. Il-Kunsill filwaqt li nnota li l-petizzjoni li kienet qed issir mir-residenti ta' l-inhawi baqghet ma waslitx ghand il-Kunsill, iddecieda li ghandu jkompli jinsisti mal-Kunsill Malti ghall-Isport sabiex nigu nfurmati x'ser isir ezatt fuq il-post.

## 4 Approvazzjoni ta' Pagamenti Pendenti

**4.1** L-Agent S.E. ipprezenta l-iskeda ta' pagamenti pendenti li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-ufficcju tal-Kunsill sas-6 ta' Novembru 2009 meta giet ippublikata l-Agenda. Dawn kollha gew approvati unanimament.

**4.2** L-Agent S.E. ipprezenta l-lista ta' l-infieq li sar mill-*Petty Cash* matul Ottubru 2009 u din giet approvata unanimament.

## 5 Ilmenti u Suggerimenti

**5.1** Talba sabiex isir *culvert* fi Triq Gargallo sabiex l-ilma tax-xita li jkun gej minn Triq San Gwann jghaddi minnu. Wara diskussjoni gie unanimament deciz li l-Kunsill jinforma lir-resident li ma jsibx oggezzjoni li dan ix-xoghol isir minnu sakemm ix-xoghol isir skond is-sengha u minghajr ma jkun ta' nkonvenjent ghar-residenti ta' l-inhawi. Fic-cirkustanzi qabel isir ix-xoghol dan ir-resident ghandu jipprezenta dettalji dwar ix-xoghlijiet li ser isiru ghall-approvazzjoni tal-Kunsill.

**5.2** Talba sabiex isir *No Parking* faccata ta' residenza fi Triq il-Kbira. Wara diskussjoni l-Kunsill unanimament ma laqax din it-talba peress li giet meqjusa bhal mhux gustifikata. Gie innotat ukoll li din it-talba kienet giet diskussa diversi drabi fix-xhur li ghaddew.

**5.3** Talba sabiex tabella li hemm fi Triq San Nikola titressaq il-fuq peress li kull darba qed tintlaqat minn vetturi kbar. Gie unanimament deciz li l-Kunsill ikellem lis-sid tad-dar ma fejn hemm imwahhla din it-tabella qabel ma titressaq it-tabella.

**5.4** Diversi lmenti dwar hmieg tal-klieb specjalment fi Triq Stiefnu Zerafa, Triq 31 ta' Marzu u Sqaq Warda. Wara diskussjoni gie unanimament deciz li l-Kunsill jixtri 3 *Dog Bins* ohra sabiex jehlu fi Sqaq Warda, Triq 31 ta'Marzu u mal-hajt tal-*ground* fi Triq Stiefnu Zerafa kif ukoll li l-*Green Wardens* jigu mitluba sabiex tigi nfurzata l-ligi dwar hmieg tal-klieb.

**5.5** Talba sabiex parti zghira minn bankina fi Triq 31 ta' Marzu titranga bil-konkos. Gie unanimament deciz li din issir mill-haddiema *attached* mal-Kunsill.

## 6 Korrispondenza

**6.1** Korrispondenza varja li rcivejna mill-ahhar laqgha sa llum minghand il-MEPA dwar zviluppi fil-lokalita'.

Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162
Tel : 2141 4111 Fax : 2141 2626 Mobile : 7941 4111
Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt

Din il-korrispondenza giet innotata u gie unanimament deciz li l-Kunsill jikkonferma li lest li jospita wirja ta' galleriji fl-ufficini tieghu.

**6.2** Korrispondenza mid-Dipt. ghall-Gvern Lokali dwar il-posizzjoni ta' Segretarju Ezekuttiv.

Is-Sindku spjega li ghadna qed nistennew il-permess tad-Dipartiment sabiex issir is-sejha pubblika sabiex jigi impjegat S.E. fuq bazi *full-time*. Gie unanimament deciz li l-Kunsill ikompli jsegwi l-kaz mad-Dipt. u s-Segretarjat Parlamentari responsabbli mill-Kunsilli Lokali.

**6.3** Korrispondenza minghand il-Green MT sabiex issir laqgha maghhom.

Din il-korrispondenza giet innotata u gie deciz li l-laqgha ssir aktar il-quddiem meta inkunu nafu d-dettalji dwar l-offerti ghall-gbir ta' l-iskart.

**6.4** Korrispondenza diversa dwar il-Progett tax-Xwieki.

Din il-korrispondenza giet innotata. *[Ara Item 3.20]*

## 7 Materji Ohra u Mistoqsijiet

**7.1** Is-Sindku ta dettalji dwar l-ahhar Laqgha tas-Sindki li hu kien attenda ghaliha.

**7.2** Is-Sindku nforma li l-iskrivana Marisa Azzopardi talbet sabiex temporarjament tibda tahdem fuq *Reduced Hours.* Il-Kunsill unanimament accetta din it-talba

**7.3** Is-Sindku nforma li l-Kunsill kien ircieva talba sabiex jintrema *Tower Crane* fi Triq Fra Duminku Mifsud liema *crane* ghandu jdum armat madwar sena. Huwa qal li l-operatur intalab jipprovdi *Risk Assessment Report* sabiex jigi ikkunsidrat mill-Kunsill.

**7.4** Is-Sindku nforma li s-Socjeta' Filarmonika San Bartilmew uriet ix-xewqa li jibdew isiru xi attivitajiet bi shab mal-Kunsill Lokali u dawn qed jissuggerixxu li l-ewwel attivita' tkun harga ghall Ghawdex ghall-presepju t'Ghajnsielem u li tkun miftuha ghar-residenti kollha. Wara diskussjoni il-Kunsill qabel unanimament ma' din il-proposta bil-kundizzjoni li ma jsir ebda finanzjament mill-Kunsill Lokali u li kull qliegh li jista jsir imur ghand is-Socjeta. Il-Kunsill Lokali ser jkun involut biss fl-organizzazjoni ta' l-attivitajiet kif ukoll johrog avvizi lir-residenti u jbiegh il-biljetti mill-ufficcju tal-Kunsill..

**7.5** Il-Vici-Sindku nforma li bhas-snin precedenti kienet ser issir l-attivita' ta' l-Ghar ta' San Brinkat. Aktar dettalji ser jinghataw fil-laqgha li jmiss.

**7.6** L-Agent S.E. ipprezenta l-lista ta' xoghol li saret mill-haddiema tal-Kunsill f'dawn l-ahhar hmistax il-gurnata. Gie unanimament deciz li meta haddiem ikun fuq *vacation leave* il-Kunsill ghandu jinforma lid-Dipartiment minn fejn ikun gej l-haddiem.

**7.7** Il-Kunsill unanimament qabel dwar il-preparament li ghandhom isiru ghall-festi tal-Milied 2009 u approva ukoll l-attivitajiet proposti.

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 Fax : 2141 2626 Mobile : 7941 4111**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


**8** **Aggornament**

**8.1** Il-laqgħa ġiet aġġornata fit-8:15 p.m. wara li l-*items* fuq l-Aġenda ġew eżawriti u ġie deċiż li laqgħa oħra ssir nhar it-Tlieta 24 ta' Novembru 2009 fis-6:00 p.m.

| | | |
|---|---|---|
| **Mario Gauci** | **Fabian Mizzi** | **24 ta' Novembru 2009** |
| **Sindku** | **Aġent Segretarju Eżekuttiv** | **Data** |